**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 12 ta' Lulju 2022**

Rikors Numru: 229/22 AL

A B

vs

C B

(MR Numru 348/2011)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrenti li permezz tieghu jikkonferma:

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom fl-1 ta' Mejju 2011 fil Knisja ta' Sant'Agata r-Rabat Malta (kopja originali tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A);

2. Illi l-partijiet infirdu legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn Nutar Pubbliku Dottor Liza Schembri fit-tnejn (2) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) (kopja awtentikata hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B);

3. Illi l-esponent jiddikjara illi minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla bl-isem ta' D E B li twieldet fil-25 ta' Lulju 2014 u arretrati ta' manteniment m'hemmx stante illi l-esponent dejjem hallas puntwalment hekk kif obbligat jaghmel ai termini tal-Artikolu 6 tal-anness kuntratt ta' separazzjoni Dok. B. Huwa obbligat jhallas is-somma ta' €400 kull erba' gimghat apparti minn nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari;

4. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet iddekadew mid-dritt rispettiv taghhom illi jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxien (vide Artikolu 3 tal-istess kuntratt);

5. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il kontendenti;

6. Illi l-esponent qieghed jannetti affidavit (hawn annness u mmarkat bhala Dok. C);

7. Illi għalhekk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-datt illi l-konjugi huma separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni, m’huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejnietkom.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-qorti m’ghandhiex:

1. Previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl- Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabilita l-esistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Mejju 2022;

Semgħet lill-avukat difensuri tal-intimata jiddikjara li l-intimata m'għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta'Dicembru, 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.